# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 442/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi)**

**vs**

**Rita Gafa'**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2019

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellata, Rita Gafa', detentriċi tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 522666M quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli fit-22 t' Awwissu, 2017 għall-ħabta ta' 19:10hrs fi Triq Burmarrad, San Pawl il-Baħar, saqet il-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni TWO 531:

1) B'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tħaris tar-regolament tat-traffiku involontarjament ikkaġunat offiżi ta' natura ħafifa fuq il-persuna

ta’ Carmel Camilleri skont kif iċċertifika Dr. Christian Psaila MD mill-MDH;

2) Ukoll talli b’nuqqas ta’ ħsieb u bi traskuraġni jew b’nuqqas ta’ ħila fl-arti jew professjoni jew b’nuqqas ta’ tħaris tar-regolamenti tat-traffiku, ħabtet ma’ vettura numru ACH 564 u nvolontarjament ikkaġunat ħsarat għad-dannu ta’ Joseph Camilleri;

3) Ukoll talli saqet l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluża;

4) Ukoll talli saqet l-imsemmija vettura b’manjiera traskurata;

5) Aktar talli saqet l-imsemmija vettura b’manjiera bla kont;

6) Aktar talli waqt li kienet qed issuq l-imsemmija vettura qasmet il-linja l-bajda kontinwa;

7) Aktar talli naqset li teżerċita l-kura u attenzjoni xierqa u tagħmel sinjal meta kienet ser tbiddel id-direzzjoni tagħha.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti li tkun skwalifikata mill-liċenzji kollha tagħha tas-sewqan.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali, tat-23 ta’ Ottubru, 2017 li biha lliberat lill-appellata stante nuqqas ta’ provi;

Rat ir-rikors tal-Avukat Generali, ppreżentat fir-reġistru ta’ din il-Qorti fit-8 ta’ Novembru, 2017, li bih talab lil din il-Qorti jogħġobha tirrevoka u tħassar s-sentenza appellata u minflok, tenut kont tal-konsiderazzjonijiet suesposti, tipproċedi u tiddisponi minn dan il-każ skont il-Liġi u fl-aħjar interess tal-Ġustizzja;

Rat l-aggravji tal-appellant;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat

1. Illi l-fatti ta' dan il-każ, brevement rakkontati huma li fit-22 t'Awwissu, 2017 kienet seħħet kollużjoni bejn il-vettura tal-appellata Rita Gafa' u l-mutur misjuq minn Carmel Camilleri fi Triq ta' Burmarrad San Pawl il-Bahar. Kawza ta' hekk Carmel Camilleri sofra offizi ta' natura hafifa mhux kontestati mid-difiza. Gara izda, illi fl-ewwel seduta quddiem il-Qorti tal-ewwel grad, il-parti offiza ma deheritx ghaliex ma kienitx notifikata u inghatat sentenza;

2. L-Avukat Ġenerali jillanja s-sentenza appellata bil-gravam singolari li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi prodotti u li ghalhekk ma setghetx ragjonevolment u legalment tasal ghal konkluzzjoni li wasslet ghaliha. Minkejja dan l-aggravju, l-lanjanza vera u proprija tal-Avukat Generali hi li l-Prosekuzzjoni ma tħallitx tressaq il-provi kollha tagħha quddiem l-Ewwel Qorti. L-appellant hu tal-fehma illi l-ewwel Qorti kellha takkorda differiment fl-ewwel u l-unika udjenza u mhux li tghaddi biex tipprolata s-sentenza taghha minghajr ma semghet lix-xhieda tal-prosekuzzjoni;

3. Ezaminati l-atti jemergi illi fl-udjenza tat-23 t'Ottubru, 2017, il-prosekuzzjoni, li sa dakinhar kienet biss annettiet mal-komparixxi affidavit ta' ufficcjal tal-Pulizija u certifikat mediku, talbet differiment peress illi x-xhud taghha, il-parte civile, ma kienx notifikat. Il-Prosekuzzjoni esebiet riferta negattiva li turi li ttentat tinnotifika lix-xhud fi tlett okkazzjonijiet b'rizultat negattiv. Dan kien rifless ukoll fis-sentenza tal-ewwel Qorti meta rrikapitolat dan kollu u ghaddiet ghal-liberazzjoni tal-appellata fuq nuqqas ta' provi;

4. L-Avukat Generali ghamel referenza ghal-diversi sentenzi ta' din il-Qorti in sostenn tal-argument tieghu li l-ewwel Qorti kellha takkorda differiment u mhux tghaddi ghas-sentenza. Ezaminati dawn is-sentenzi, izda, l-ebda wahda minnhom ma ghandha ebda applikabilita' mal-kwistjoni hawn devoluta. Is-sentenza, Il-Pulizija vs Joseph Dougall, Qorti tal-Appell Kriminali 9/05/1997 hija provvediment dwar l-appellabilita' o meno tas-sentenza tal-ewwel Qorti u tirrigwarda kwistjoni fejn ma kienet esebita ebda riferta; Il-Pulizija vs Sandro Caruana, Jason Zerafa u Michael Alain Spiteri, Qorti tal-Appell Kriminali, 21/06/2007 tirrigwarda kwistjoni fejn ix-xhud kien debitament notifikat u l-Qorti cahdet talba ghall-differiment; Il-Pulizija vs Joseph Balzan – App Krim 4/3/15 (u mhux kif erronjament indikat 4/4/15) ukoll kienet tikkoncerna riferta pozittiva ta' xhud u ma kienitx saret talba mill-prosekuzzjoni ghal-differiment u l-istess dwar is-sentenza Il-Pulizija vs James Galea – App Krim 22/4/09 li titratta dwar riferta pozittiva;

5. Illi ghalhekk ser tkun skartata kull referenza ghal dawk is-sentenzi ghaliex ma ghandhom xejn in komuni mal-kwistjoni odjerna. F'cirkostanzi bhal dawk ravvizati fis-sentenzi citati fejn allura l-Qorti hi provduta b'riferta pozittiva u x-xhud ma jidhirx, dik il-Qorti ghandha tiddiferixxi l-udjenza u taghmel dawk is-sanzjonijiet kontra dak ix-xhud inkluz li jingieb b'mandat t'arrest. Is-sensiela ta' sentenzi in rigward huma cari u bizzejjed li ssir referenza ghal dik fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saviour Farrugia App Krim 25.7.94 u s-sentenzi hemm

imsemmija. Dawn huma riflessjoni ta' dak ravvizat fl-artikolu 441(4) tal-Kapitolu 9 applikabbli ghall-Qorti tal-Magistrati bl-artikolu 525. Dak li allura jehtieg li jkun ezaminat f'din il-kwistjoni hu jekk Qorti, rinfacjata b'talba ghall-differiment mill-prosekuzzjoni ghandiex tilqa' t-talba jew le meta dik jew dak ix-xhud ma tkunx notifikata u ma tidhirx minkejja diversi tentattivi;

6. Ir-riferta esebita a fol 7 tal-atti processwali turi li l-Pulizija eccedew diversi drabi fl-indirizz tax-xhud: 4/10, 12/10 u 16/10 tal-2017 fejn kien rappurtat "No Reply" u ma ngiebet ebda prova ta' xi sforz iehor sabiex issir in-notifika. Dan hu reminixxenti ta' fatti konsimili fl-appell kriminali Il-Pulizija vs Grace Gatt 288/95 tal-21 ta' Mejju 1996 fejn kien osservat illi il-prosekuzzjoni kellha aktar minn xahar biex taghmel il-verifiki taghha dwar l-indirizz tax-xhieda u tintraccahom. "Inspjegabilment ma jirrizultax li sar xi sforz, imqar wiehed minimu f'din id-direzzjoni". L-appell tal-Avukat Generali kien hemm michud. Fis-sentenza imbaghad Il-Pulizija vs James Paul Munden App Krim313/2014 - 26/3/2015 il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza Il-Pulizija versus Joseph Abdilla u Helen Abdilla (Vol. LXXVII.p.V p.446) u ccitat s-segwenti bran li certament ghandu jservi ta' linja gwida fil-parti enfasizzata:

*Din il-Qorti m'ghandhiex x'izzid ma' dak li diga gie deciz f'dawn is-sentenzi li ghadhom kemm gew citati, dwar il-vertenza inkwistjoni u semplicement tghid illi l-ewwel Qorti ma kellhiex tghaddi ghas-sentenza u tippriva lill-Prosekuzzjoni mill-possibilita' li ggib ix-xhieda una volta il-Prosekuzzjoni ma kellha ebda tort fil-fatt li l-istess xhieda debitament imharrka, ma deherux.* ***Kieku kien il-kaz li l-Prosekuzzjoni naqset milli tingungihom, allura l-ewwel Qorti kien ikollha ragun****, imma la dan ma huwiex il-kaz u l-Prosekuzzjoni ma kellha assolutament l-ebda tort ma kienx il-kaz illi jsir dak illi effetivament sar;*

7. Maghmula dawn il-konsiderazzjonijiet ma jistax jitqies li l-ewwel Qorti ippekkat b'xi mod li pprivat lill-Prosekuzzjoni milli tressaq il-provi taghha;

Ghal dawn ir-ragunijiet, l-appell qed ikun michud